

32006E0624

L 253/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.9.2006

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/624/PESK**tal-15 ta' Settembru 2006****li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi

(1) Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' April 2005 tar-Riżoluzzjoni 1596(2005) ("UNSCR 1596 (2005)", fit-13 ta' Ġunju 2005 l-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (1).

(2) Fid-29 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2005/846/PESK li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK (2), li ddaħħal fl-Anness għal dik il-Pożizzjoni Komuni l-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri imposti mill-UNSCR 1596 (2005).

(3) Fil-21 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1649 (2005) ("UNSCR 1649 (2005)") li testendi l-miżuri imposti mill-UNSCR 1596 (2005) għall-mexxejja politiċi u militari ta' gruppi armati barranin li joperaw fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo li jimpedixxu d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja jew is-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kumbattenti li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi, u għall-mexxejja politiċi u militari ta' milizzji Kongoli li jirċievu appoġġ minn barra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u b'mod partikolari dawk li joperaw fl-Ituri, li jimpedixxu l-parteciġazzjoni tal-kumbattenti tagħhom fi proċessi ta' diżarm, demobilizzazzjoni u reintegrazzjoni.

(4) Fil-31 ta' Lulju 2006 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1698(2006) ("UNSCR 1698 (2006)") li testendi l-miżuri imposti mill-UNSCR 1596 (2005) għall-mexxejja politiċi u militari li jirreklutaw jew jużaw it-tfal f'konflitti armati bi vjolazzjoni tal-liġi internazzjonali applikabbli u għall-individwi li

jwettqu vjolazzjonijiet serji tal-liġi internazzjonali li jinvolvu l-immirar ta' tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat, inklużi qtil u mmankar, vjolenza sesswali, sekwestru u spostament sfurzati.

(5) Il-pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK għandha għaldaqstant tiġi emendata.

(6) Il-miżuri Komunitarji applikabbli għall-individwi mmirati taħt din il-Pożizzjoni Komuni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi kontra persuni li jaġixxu fi ksur ta' l-embargo ta' l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (3),

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tal-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK, għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Skond l-UNSCR 1596 (2005) u l-UNSCR 1649 (2005) u l-UNSCR 1698 (2006) miżuri restrittivi għandhom ikunu imposti kontra l-persuni li ġejjin, kif stabbilit mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

— persuni li jaġixxu bi vjolazzjoni ta' l-embargo ta' l-armi;

— mexxejja politiċi u militari ta' gruppi armati barranin li joperaw fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo li jimpedixxu d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja jew is-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kumbattenti li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi;

(1) ĠU L 152, 15.6.2005, p. 22.

(2) ĠU L 314, 30.11.2005, p. 35.

(3) ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 84/2006 (ĠU L 14, 19.1.2006, p. 14).

- mexxejja politiċi u militari ta' milizzji Kongoliżi li jirċievu appoġġ minn barra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u b'mod partikolari dawk li joperaw f'Ituri, li jimpedixxu l-parteċipazzjoni tal-kumbattenti tagħhom fi proċessi ta' diżarm, demobilizzazzjoni u reintegrazzjoni;
- mexxejja politiċi u militari li jirreklutaw jew jużaw it-tfal f'konflitt armat bi vjolazzjoni tal-liġi internazzjonali applikabbli;
- individwi li jwettqu vjolazzjonijiet serji tal-liġi internazzjonali li jinvolvu l-immirar ta' tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat, inklużi qtil u mmankar, vjolenza sesswali, sekwestru u spostament sfurzat.

Il-persuni rilevanti huma mniżżla fl-Anness għal din il-Pożizzjoni Komuni.”

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussel, 15 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

E. TUOMIOJA